DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/848

tal-24 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 ([1]).

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, żewġ persuni u grupp wieħed jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.

(3) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25).

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jinżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 3":

"15. Abu Yasir HASSAN (magħruf ukoll bħala Sheikh Hassan, Ahmed Mahmoud Hassan, Yaseer Hassan, Abu Qasim); data tat-twelid: mill-1981 sal-1983; post tat-twelid: Pwani Region, Tanzania; sess: raġel; nazzjonalità: Tanzanija.

16. Bonomade Machude OMAR (magħruf ukoll bħala Ibn Omar, Abu Sulayfa Muhammad, Abu Sorraca, Abu Surakha, Abu Suraqa Suraqa Filho, Omar Saide, Sheikh Omar); data tat-twelid: 15 ta' Ġunju 1988; post tat-twelid: Palma district, Cabo Delgado province, Mozambique; sess: raġel; nazzjonalità: Mozambiquejana.";

(2) l-entrata li ġejja tinżdied taħt l-intestatura "B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3":

"5. ISIS-Mozambique (magħruf ukoll bħala Islamic State of Iraq and Syria - Mozambique, Islamic State - Mozambique, ISIL-M, Ansar Al-Sunna, Al-Shabaab, Al-Shabaab in Mozambique, Mozambique Wilaya of the Islamic State, Ahlu Sunna wa Jamaah (ASwJ), Ahl al-Sunna wa al-Jamaa, Ahlu al-Sunnah wal-Jamaah, Ahlu Sunnah Wajamo, Swahili Sunna).".